A.L. 22 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in European Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in European Studies.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-European Documentation and Research Centre;

"iċ-Ċentru" tfisser il-European Documentation and Research Centre;

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għal wieħed mill-Gradi; u

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in European Studies jew il-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in European Studies, skond il-każ.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1999 jew wara.

Eliġibbilita' għall-Grad

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti ta' xi wieħed mill-Gradi, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu rreġistrati bħala studenti regolari f'wieħed mill-korsijiet skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita';

(b) itemmu l-kors ta' studji xieraq, jiksbu l-kredti kollha indikati fir-regolament 10, u jissodisfaw xi rekwiżiti oħra preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw xi rekwiżiti oħra preskritti fi statuti, regolamenti u ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Id-Dħul u r-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

4. (1) L-applikanti għandhom japplikaw biex jirreġistraw għal xi wieħed mill-korsijiet fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur. L-applikanti għandhom jindikaw l-għażla tagħhom bejn il-kors tal-B.A. u l-kors tal-B.A. (Hons).

(2) Biex jiġu rreġistrati bħala studenti regolari f'wieħed mill-korsijiet, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita', jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors tal-fakulta' li toffri l-qasam jew l-oqsma ta' studju skond ir-regolament 6.3.2 tar-Regolamenti għad-Dħul, fejn dan japplika.

L-Oqsma ta' Studju

5. (1) Minbarra l-European Studies, l-istudenti f'xi wieħed mill-korsijiet għandhom jagħżlu qasam ta' studju ieħor mill-oqsma ta' studju approvati mill-

Bord u li huma mniżżla fir-regolamenti rilevanti tal-gradi *undergraduate* fil-Fakulta' ta' l-Arti u fil-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy jew minn programmi ta' gradi oħra organizzati minn entitajiet oħra ta' l-Universita', wara qbil ma' dawn l-entitajiet.

(2) Il-Bord jista' jindika abbinament ta' taqsimiet studju speċifiċi biex jistabbilixxi għażla identifikabbli għal kors ta' studji.

(3) L-oqsma ta' studju indikati fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament u abbinamenti ta' oqsma ta' studju għandhom ikunu offruti jekk jippermettu r-riżorsi u skond l-għadd ta' applikanti li jagħżluhom.

(4) L-istudenti li jagħżlu oqsma ta' studju offruti minn fakultajiet oħra għandhom joqogħdu għar-regolamenti relatati ma' dawk l-oqsma ta' studju fil-kors rilevanti sa fejn huma konċernati r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors u t-taqsimiet studju.

It-Tul tal-Korsijiet

6. (1) Il-korsijiet jinfirxu fuq perijodu ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time*. Il-Bord jista' jħalli studenti jtemmu l-korsijiet f'mhux aktar minn erba' snin, minn meta jidħlu l-ewwel darba fil-kors, taħt dawk il-kundizzjonijiet li hu jista' jimponi.

(2) F'ċirkostanzi speċjali, is-Senat jista' jippermetti estensjoni oħra ta' sena, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(3) Is-Senat, li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord, jista' jħalli studenti, għal raġuni valida, jissospendu l-istudji tagħhom għal mhux aktar minn tnax-il xahar.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Korsijiet u għat-Taqsimiet Studju

7. (1) L-istudenti għandhom jirreġistraw qabel il-bidu ta' kull sena akkademika u jirreġistraw għat-taqsimiet studju qabel il-bidu ta' kull semestru fiż-żmien stipulat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

(2) L-istudenti jingħataw grad għal taqsima studju biss jekk ikunu rreġistraw għaliha fuq il-Formola ta' Reġistrazzjoni għat-Taqsimiet Studju. Fil-bidu ta' kull semestru, l-istudenti jistgħu jżidu jew inaqqsu xi taqsima studju fuq il-formola preskritta u fiż-żmien stipulat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

(3) L-istudenti huma mistennija jinfurmaw lir-Reġistratur bil-miktub jekk huma jirriżenjaw mill-Kors, u jagħtu d-data tar-riżenja tagħhom.

Il-Korsijiet ta' l-Istudji

8. Kull Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mill-anqas 76 kredtu huma assenjati u għandu jkun strutturat kif ġej:

(a) L-Ewwel Sena għandha tkun komuni għall-istudenti li jidħlu f'xi wieħed mill-korsijiet u għandha tikkonsisti f'taqsimiet studju fil-Livell 1 u fil-Livell 2 fil-European Studies u f'qasam ta' studju ieħor;

(b) It-Tieni u t-Tielet Sena tal-Kors tal-B.A. għandhom jikkonsistu f'taqsimiet studju fil-Livell 2 u fil-Livell 3 fil-European Studies u f'qasam ta' studju ieħor;

(ċ) It-Tieni u t-Tielet Sena tal-Kors tal-B.A. (Hons) għandhom jikkonsistu f'taqsimiet studju fil-Livell 2 u fil-Livell 3 fil-European Studies;

(d) Taqsimiet studju obbligatorji fl-Istorja taċ-Ċivilita' tal-Mediterran għandhom jinkisbu matul l-Ewwel u t-Tieni Sena; u

(e) Taqsimiet studju fakultattivi f'xi qasam ta' studju approvat mill-Universita', anke fl-oqsma ta' studju magħżula diġa', li għandhom jinkisbu matul it-Tieni u t-Tielet Sena.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

9. Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi (ES), it-titolu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew għandhom jittieħdu qabel taqsimiet studju oħra, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippublika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Progress u l-Valutazzjoni

10. (1) F'kull sena taż-żewġ korsijiet l-istudenti għandhom jiksbu l-kredti li ġejjin:

(a) fl-Ewwel Sena: 10 kredti fil-European Studies, 10 kredti fil-qasam ta' studju l-ieħor u 6 kredti fl-Istorja taċ-Ċivilita' tal-Mediterran;

(b) fit-Tieni Sena tal-kors:

- tal-B.A.: 10 kredti fil-European Studies, 10 kredti fil-qasam ta' studju l-ieħor u 4 kredti fl-Istorja taċ-Ċivilita' tal-Mediterran;
- tal-B.A. (Hons): 20 kredtu fil-Euopean Studies u 4 kredti fl-Istorja taċ-Ċivilita' tal-Mediterran;

(ċ) fit-Tielet Sena tal-kors:

- tal-B.A.: 11-il kredtu fil-European Studies u 11-il kredtu fil-qasam ta' studju l-ieħor;
- tal-B.A. (Hons): 22 kredtu fil-European Studies. L-istudenti jistgħu jagħżlu li jiktbu dissertazzjoni li għaliha sitt kredti huma assenjati; u

(d) Matul it-Tieni u fit-Tielet Sena taż-żewġ korsijiet, 4 kredti fil-Franċiż jew, jekk il-Franċiż intgħażel diġa', f'lingwa Ewropea approvata mill-Bord, jew fil-European Studies.

(2) L-istudenti għandhom jiksbu l-kredti li ġejjin għal taqsimiet studju fil-Livell 3 fil-kors:

(a) tal-B.A.: mill-anqas 8 kredti fil-European Studies u mill-anqas 8 kredti fil-qasam ta' studju l-ieħor; u

(b) tal-B.A. (Hons): mill-anqas 24 kredtu fil-European Studies.

11. (1) F'kull sena l-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jirreġistraw għal taqsimiet studju li għalihom mhux anqas mill-għadd ta' kredti indikat fir-regolament 10 u mhux aktar minn 30 kredtu huma assenjati.

(2) Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jbiddlu t-tieni qasam ta' studju matul l-Ewwel Sena tal-Kors, sakemm huma jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha mniżżla f'dawn ir-regolamenti.

(3) Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti li daħlu fil-kors tal-B.A. jagħżlu żewġ oqsma sekondarji ta' studju minflok it-tieni qasam ta' studju. F'każijiet bħal dawn, ir-rekwiżiti għal kull qasam sekondarju ta' studju jkunu nofs ir-rekwiżiti għat-tieni qasam ta' studju stipulati f'dawn ir-regolamenti.

12. (1) L-istudenti fl-Ewwel Sena jew fit-Tieni Sena ta' xi wieħed mill-korsijiet li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha stipulati fis-sotto-paragrafi (a) jew (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 10 jistgħu jitħallew mill-Bord ikomplu għas-sena ta' wara, sakemm huma jkunu kisbu mhux anqas minn 22 kredtu. Il-kredti neqsin għandhom jinkisbu matul is-sena ta' wara.

(2) L-istudenti fit-Tielet Sena li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha stipulati fis-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tar-regolament 10 iżda jiksbu mhux anqas minn 14-il kredtu jistgħu jitħallew mill-Bord jestendu l-istudji tagħhom b'sena jekk permess skond il-paragrafu (1) tar-regolament 6, sakemm matul din is-sena żejda dawn l-istudenti jkunu meħtieġa jiksbu mhux anqas minn 16-il kredtu (li jinkludu l-kredti li jonqos tat-Tielet Sena).

(3) L-istudenti tat-Tielet Sena li jiksbu anqas minn 14-il kredtu m'għandhomx jitħallew ikomplu l-Kors, ħlief f'ċirkustanzi speċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u bil-permess tas-Senat.

13. L-istudenti ma jistgħux jirreġistraw għal taqsima studju li għaliha ma għandhomx it-taqsima jew it-taqsimiet studju li meħtieġa jittieħdu qabel jew mingħajr ma jirreġistraw ukoll għat-taqsima jew għat-taqsimiet studju li jridu jittieħdu flimkien magħha, ħlief bil-permess tal-Bord.

14. (1) Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, u D. F tindika li wieħed weħel. Xogħol inkomplut għal raġunijiet ġustifikati (mard, assenza approvata, eċċ.) għandu jkun indikat bl-ittra I. Fil-każijiet l-oħra kollha r-riżultati ta' taqsimiet studju inkompluti għandhom jidħru bħala F. Il-gradi mogħtija għandhom iqisu l-livell milħuq mill-istudenti f'wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin, ħlief il-Bord iqis xieraq: xogħol matul il-kors, ħidma fuq il-post, valutazzjonijiet prattiċi, bil-miktub u/jew orali.

(2) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju għandhom ikollhom valutazzjoni supplimentari. Normalment l-istess mod ta' valutazzjoni għandu jintuża għal valutazzjoni supplimentari. Valutazzjoni supplimentari ta' taqsima studju għandha ssir fis-sessjoni ta' l-eżamijiet li jmiss (Mejju jew Settembru) skond il-każ. Fil-każ ta' assenjamenti, il-valutazzjoni supplimentari għandha ssir bi ftehim mal-lettur konċernat. Fil-valutazzjoni supplimentari, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

(3) Jekk jeħlu fil-valutazzjoni supplimentari, l-istudenti jistgħu jerġgħu jieħdu t-taqsima studju darba oħra biss. Meta l-istudenti jeħlu f'taqsima studju li ttieħdet mill-ġdid, huma għandu jkollhom valutazzjoni supplimentari finali. Fil-każ ta' taqsimiet studju li jerġgħu jittieħdu, l-ogħla grad li jista' jingħata fil-valutazzjoni u fil-valutazzjoni supplimentari finali huwa l-grad D.

(4) Jekk il-kredtu għal taqsima studju jkun ġie mogħti, l-istudenti ma għandhomx jerġgħu jiġu valutati mill-ġdid għaliha.

15. Il-Bord jista' jħalli studenti jittrasferixxu kredti miksuba għal taqsimiet studju f'kors ta' studji ta' din l-Universita' jew ta' universita' rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat, sakemm dawn it-taqsimiet studju huma

komparabbli fil-kontenut u fil-livell ma' dawk offruti f'xi wieħed mill-korsijiet. Mhux aktar minn terz ta' l-għadd minimu ta' kredti meħtieġa għall-għoti tal-Grad jistgħu jiġu trasferuti.

It-Trasferiment bejn il-Korsijiet

16. L-istudenti li, fit-tmiem ta' l-Ewwel Sena, kisbu l-kredti meħtieġa għal dik is-sena, jistgħu jitħallew mill-Bord jittrasferixxu l-istudji tagħhom għat-Tieni Sena jew tal-kors tal-B.A. u jagħżlu European Studies u l-qasam ta' studju l-ieħor jew tal-kors tal-B.A. (Hons) fil-European Studies.

Dissertazzjoni

17. (1) L-istudenti fil-kors tal-B.A. (Hons) jistgħu jagħżlu li jiktbu dissertazzjoni matul it-Tielet Sena.

(2) Id-dissertazzjoni m'għandhiex tkun itwal minn 20,000 kelma, inklużi l-*footnotes* iżda esklużi l-*annexes* u l-bibljografija, ħlief bil-permess tal-Bord. 6 kredti huma assenjati għaliha mill-għadd totali ta' kredti meħtieġa għal qasam ta' studju European Studies.

(3) Id-dissertazzjoni għandha tkun sottomessa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju tat-Tielet Sena tal-Kors. Id-dissertazzjoni għandha tkun immarkata skond l-iskema ta' l-iggradar spjegata fil-paragrafu (1) tar-regolament 14. Jekk dissertazzjoni tkun riferuta, l-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jerġgħu jissottomettuha mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru.

(4) Il-Bord għandu jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri li għandhom ikunu segwiti fl-għażla tat-titolu, is-superviżur u r-rekwiżiti stilistiċi.

(5) Qabel ma jitħallew jiggradwaw, l-istudenti għandhom jippreżentaw żewġ kopji llegati tad-dissertazzjoni tagħhom liċ-Ċentru, kopja għandha tinżamm fiċ-Ċentru u kopja oħra għandha tkun depożitata fil-Librerija ta' l-Universita'.

Ir-Riżultat Finali

18. (1) Ir-riżultat finali għandu jqis il-livell milħuq mill-istudenti fit-taqsimiet studju, u fid-dissertazzjoni, fejn japplika.

(2) Għall-għan tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament il-piż għat-taqsimiet studju għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi ta' l-*average* globali tal-kredti miksuba. Jekk jinkisbu aktar minn 76 kredtu, l-aħjar 76 kredtu skond il-provvedimenti tar-regolament 10 (li jinkludu l-kredti għat-taqsimiet studju obbligatorji kollha) għandhom jitqiesu.

(3) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku kif ġej:

(a) għall-Grad tal-B.A.: Kategorija I, IIA, IIB u III; u

(b) għall-Grad tal-B.A. (Hons):

L-Ewwel Klassi bl-Unuri
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri)
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri)
It-Tielet Klassi bl-Unuri
Għadda.